



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 20.12.2004
KUMM(2004) 814 finali

2004/0285 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) 2500/2001 li jawtorizza l-implimentazzjoni ta' l-assistenza tal-Komunità li jemenda l-Artikolu 54 (2) (c) tar-Regolament Finanzjarju

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-iskop ta' din l-emenda għandha għib ir-Regolament tat-Turkija in linja mar-Regolament Finanzjarju ġdid dwar l-użu ta' għestjoni ċentralizzata indiretta (Art. 54 (2) (c) FR). Il-Kummissjoni diġà għamlet proposta simili għar-Regolament Phare, ir-Regolament CARDS, u l-istess regoli huma previsti permezz ta' l-istrument ġdid ta' għajnuna ta' qabel is-sħubija (IPA) sa mill-2007.

Ir-Regolament Finanzjarju jippermetti l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Komunità permezz ta' għestjoni indiretta ċentralizzata fl-Artikolu 54 (2), u jistabbilixxi ħtiġijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni skond l-Artikolu 54 (2) (c) tar-Regolament Finanzjarju.

Dawn il-ħtiġijiet jistipulaw li fil-qasam ta' implimentazzjoni indiretta ċentralizzata, il-Kummissjoni tista' "tafda l-ħidmiet ta' awtorità pubblika, u b'mod partikolari l-ħidmiet għall-implimentazzjoni tal-baġit lil (...) korpi nazzjonali ta' setturi pubbliċi jew korpi regolati minn missjoni ta' servizz pubbliku li ttiprovdi garanziji finanzjarji adegwati u konformi mal-kondizzjonijiet ta' l-arranġamenti implimentattivi", u li "tali korpi jistgħu jkunu fdati biss b'ħidmiet ta' implimentazzjoni jekk l-att bażiku tal-programm jew azzjoni konċernata ttiprovdi għall-possibbiltà ta' delegazzjoni u tfassal il-kriterji għall-għażla tal-korpi konċernati (...)"¹.

Fil-qasam ta' l-għajnuna ta' qabel is-sħubija, għestjoni ċentralizzata indiretta kif stabbilit fl-Artikolu 54 (2) (c) ipprovat lilha nfisha għodda utli fil-passat, b'mod partikolari fl-operazzjonijiet tal-programm ta' Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni (TAIEX). It-Turkija kisbet benefiċċju konsiderevoli mill-operazzjonijiet TAIEX matul is-snin reċenti. Għandu għalhekk ikun assigurat li t-Turkija tkompli tikseb għajnuna tat-TAIEX bejn issa u d-dħul fis-seħħ tar-Regolament IPA ta' l-implimentazzjoni stabbiliti mir-Regolament Finanzjarju ġdid.

¹ Artikolu 54 (2) (c) tar-Regolament (KE) 1605/2002, ĠU L 248, 16.9.2002, p.1

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) 2500/2001 li jawtorizza l-implimentazzjoni ta' l-assistenza tal-Komunità li jemenda l-Artikolu 54 (2) (c) tar-Regolament Finanzjarju

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 181 a (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni²,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew³,

Billi:

- (1) Artikolu 54(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar r-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁴ (ir-Regolament Finanzjarji) jippermetti għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Komunità permezz ta' ġestjoni indirett ċentralizzata u jistabbilixxi ħtiġijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni,
- (2) Fil-qasam ta' l-għajjnuna ta' qabel is-sħubija, ġestjoni ċentralizzata indiretta fil-forma stabbilita fl-Artikolu 54 (2) (c) tar-Regolament Finanzjarju iġġerjat lilha nfisha għodda utli fil-passat, b'mod partikulari dwar l-operazzjonijiet ta' l-uffiċċju ta' l-Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni (TAIEX),
- (3) It-Turkija kienet klijent ewlieni ta' l-operazzjonijiet TAIEX matul dawn l-aħħar snin, u għandha tkun f'pożizzjoni li tkompli tuża wkoll dan l-istrument skond ir-regoli stabbiliti mir-Regolament Finanzjarju l-ġdid,
- (4) Metodu armonizzat fil-qasam ta' għajjnuna ta' qabel is-sħubija hu mixtieq, għalhekk il-formola wżata għandha tkun identika għal dik maħsuba fil-Regolamenti 3906/1989 Phare, 2666/2000 CARDS, kif ukoll l-abbozz ta' Regolament-IPA.

² ĠU L , , p. .

³ ĠU L , , p. .

⁴ ĠU L 248, 16.9.2002, p.1

- (5) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2500/2001 tas-17 ta' Diċembru 2001 li jikkonċerna l-għajjnuna finanzjarja ta' qabel l-adeżjoni għat-Turkija u jemenda Regolamenti (KEE) Nru 3906/89, (KE) Nru 1267/1999, (KE) Nru 1268/1999 u (KE) Nru 555/2000⁵ għandu għalhekk ikun emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 2500/2001 hu emendat kif ġej:

L-Artikolu 6a li ġej għandu jkun miżjud:

“Artikolu 6a

Il-Kummissjoni tista' fil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 54 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002⁶, tiddeċiedi li tafda l-ħidmiet ta' awtorità pubblika, u b'mod partikulari ħidmiet ta' l-implimentazzjoni tal-baġit lill-korpi elenkati fl-Artikolu 54 (2) tar-Regolament. Il-korpi definiti fl-Artikolu 54 (2) (c) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 jistgħu jkunu fdati b'ħidmiet ta' awtorità pubblika jekk huma ta' livell rikonoxxut internazzjonalment, b'konformità ma' sistemi rikonoxxuti internazzjonalment ta' ġestjoni u kontroll, u huma sorveljati minn awtorità pubblika.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, [...]

*Għall-Kunsill
Il-President*

⁵ ĠU L 342, 27.12.2001, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 769/2004 (ĠU L 123, 27.4.2004, p. 1)

⁶ ĠU L 248, 16.9.2002, p.1.